# Festa ta' San Martin Baħrija 2016

## Is-Sibt 12 ta' Novembru: Jum il-Festa

**Fis-6.00pm** niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien u
**fis-7.15pm** toħroġ il-Purċissjoni
bix-xbieha sabiħa ta' San Martin.

## Il-Ħadd 13 ta' Novembru: Jum il-Fiera

**Din is-sena se jkollna Fiera tradizzjonali ġdida li se tkun organizzata fuq skala akbar. Il-Fiera prinċipali din id-darba se ssir ħdejn il-Knisja bejn id-9.00am u l-5.00pm.**

### *Fost l-attrazzjonijiet se jkollna:*

- *Record* nazzjonali ta' l-ikbar borża ta' San Martin 'l fuq minn nofs tunellata li ħa tintrefa minn *crane*.
- Fiera b'ħafna premjijiet fosthom ġugarelli, affarijiet tad-dar, xorb, *hampers* flimkien ma' vouchers għal-ħrief, fniek, dundjani u tiġieġ.
- Wirjiet ta' fniek mil-*Malta Rabbit Club* u oħra ta' sriedaq.
- Tisjir ta' qastan tradizzjonali fuq il-ħatab bin-nar.
- *Stalls* ta' artiġġjanat malti.
- Ikel u nbid tradizzjonali malti.
- *Farm* b'annimali differenti.
- *Kids area b'bouncing castle, trampolini* u ferrovija.
- *Stage* b'kantanti u talent lokali.
- *Coffee area* ħdejn il-knisja.
- Bejgħ ta' pjanti.
- Xiri tal-borża tradizzjonali ta' San Martin.
- Wirja ta' Ikoni reliġjużi fil-Kappella l-antika ta' San Martin.
- Attrazzjoni ġdida oħra se tkun li matul il-jum, se jkollna lil 'San Martin' li filgħodu (*bħala Suldat*) u filgħaxija (*bħala Isqof*) se jdur fit-toroq tal-Baħrija u jqassam boroż żgħar lit-tfal u lil persuni anzjani.

Se jkun hemm ***Park and Ride*** għal min jixtieq jipparkja barra l-Baħrija.
Din se tkun mill-*area* magħrufa bħala Tal-Fiddien (*kif titlaq mir Rabat*) sal-Baħrija.
Il-parking tal-vetturi se jsir fuq in-naħa tax-xellug tat-triq direzzjoni lejn il-Baħrija.

Fil-Baħrija wkoll se jkun hemm post riservat għall-*coaches*.



**Nistiednu lil kulħadd jingħaqad magħna f'dawn il-jumejn ħa tgawdu magħna s-sajf ta' San Martin u sbuħija naturali tal-Baħrija. Il-Komunita' nisranija fil-Baħrija tagħti merħba mill-qalb lil kulħadd.**

